# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 5 ta' Lulju, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru. 133/2023**

## Maria Dolores *sive* Doris Vella et

**v**

## Margherita Darmanin

1. Din hi kawża li fiha l-atturi, Maria Dolores Vella (K.I. 217664M) u Carmen Darmanin (K.I. 0258561M) qiegħdin jitolbu s-sehem riżervat mill-eredità ta' Giuseppe Darmanin (K.I. 0026337M), li miet fit-8 ta' Lulju 2016.

2. Is-sehem riżervat qiegħed jintalab mingħand l-eredi ta' Giuseppe Darmanin, martu Margherita Darmanin (K.I. 70639M).

3. B'digriet li ngħata fit-8 ta' Jannar 2024, il-qorti talbet lil Margherita Darmanin, bħala eredi, biex tressaq rendikont, jew prospett, li juri l-konsistenza tal-eredità ta' Giuseppe Darmanin. Ir-rendikont kellu jkun debitament dokumentat.

4. Il-qorti ġiet mgħarrfa li kien hemm diffikultà biex tinġabar informazzjoni minn Margherita Darmanin, jew aħjar minn prokuratur li ħatret biex jitlob l-informazzjoni f'isimha, għaliex xi banek kienu qegħdin isostnu li ma jistgħux jagħtu ċerta informazzjoni dwar persuna li tkun mietet, anki lill-eredi tagħha.

5. Għalhekk, il-qorti stiednet lill-avukati li jmexxu lill-Bank of Valletta plce, HSBC Bank Malta plc u Lombard Bank Malta plc biex jispjegaw il-pożizzjoni tagħhom rigward l-għotja ta' informazzjoni lil werrieta. L-avukat li jmexxi l-uffiċju legali tal-Bank of Valletta plc spejga li l-bank jagħti informazzjoni lill-werrieta dwar l-assi li kellu l-mejjet fil-mument tal-mewt, u informazzjoni dwar transazzjonijiet li jolqtu dawk l-assi li jkunu seħħew wara l-mewt. Iżda informazzjoni dwar li seħħ qabel il-mewt ma tingħatax lill-werrieta. Il-bank jimxi b'dan il-mod għaliex jidhirlu li għandu obbligu li jirrispetta s-sigriet professjonali fir-rigward tal-mejjet. L-avukat li tmexxi l-uffiċju legali tal-Lombard Bank Malta plc spjegat li l-bank jimxu bl-istess mod. Minn naħa l-oħra l-avukat li jmexxi l-uffiċju legali tal-HSBC Bank Malta plc spjega li l-bank jagħti informazzjoni anki dwar dak li seħħ qabel il-mewt jekk it-talba ssir mill-eredi kollha. It-tliet avukati kkonfermaw li tingħata l-informazzjoni kollha jekk ikun hemm ordni ta' qorti jew ta' awtorità oħra kompetenti li tagħtiha.

6. F'din il-kawża hemm bżonn ta' informazzjoni dwar assi li seta' kellu Giuseppe Darmanin mal-imsemmija banek, u kif ukoll ma banek oħra u ma istituzzjonijiet oħra li għandhom funzjoni finanzjarja, fosthom il-Borża ta' Malta, *stockbrokers* u istituzzjonijiet simili, meta miet. Hemm bżonn ukoll ta' informazzjoni dwar dak li seħħ qabel miet Giuseppe Darmanin: preċiżament dwar dawk it-transazzjonijiet li jolqtu d-drittijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward tal-eredità tiegħu.

7. Ir-responsabbiltà li tingħata din l-informazzjoni tibqa' ta' Margherita Darmanin billi, bħala l-eredi, hi għandha l-obbligu li tħallas is-sehem riżervat; u biex tagħmel hekk, trid tagħti rendikont tal-konsistenza tal-eredità.

8. Biex tkun f'pożizzjoni li tagħmel hekk, Margherita Darmanin talbet lill-qorti biex hi tingħata d-dritt, personalment jew bi prokuratur, li tottjeni mingħand l-istituzzjonijiet imsemmija f'para. 6 l-informazzjoni meħtieġa dwar kontijiet miżmuma f'isimha u dwar kontijiet miżmuma f'isem żewġha Giuseppe Darmanin, kemm mid-data tal-mewt tiegħu u kif ukoll għall-ħames snin ta' qabel il-mewt. Dan biex din l-informazzjoni tkun tifforma parti mir-rendikont li talbet din il-qorti.[1]

[1] Ara l-verbal tal-21 ta' Ġunju 2024

9. Il-qorti ma tarax li għandha bżonn tagħti ebda ordni fir-rigward tal-kontijiet f'isem Margherita Darmanin jew dawk f'isem żewġha Giuseppe Darmanin in kwantu l-informazzjoni tirrigwarda l-pożizzjoni fil-mument tal-mewt, jew wara l-mewt. Dan għaliex ma jidhirx li hemm ebda diffikultà, minn naħa tal-istituzzjonijiet, li tali informazzjoni tingħata. L-istess japplika jekk l-informazzjoni tintalab permezz ta' prokuratur.

10. Id-diffikultà hi biss in kwantu l-informazzjoni mitluba jingħad li hi milquta mis-sigriet bankarju jew professjonali li jista' jkun li tibqa' marbuta bih l-istituzzjoni li tintalab l-informazzjoni fir-rigward ta' dak li seħħ qabel il-mewt.

11. Tqajjmet, mill-qorti stess, il-kwistjoni jekk għandhiex is-setgħa li teħles lill-istitizzjonijiet imsemmija mis-sigriet, jekk wieħed jassumi li jeżisti l-obbligu kif inhu mifhum minn xi istituzzjonijiet.

12. Il-punt tat-tluq fil-konsiderazzjoni ta' dan il-punt hu l-art. 257 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jgħid hekk:

> Kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah igħarrafhom lil awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta'mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47) jew ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:
>
> Iżda, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, tkun difiża li turi li l-kxif ikun sar lil awtorità pubblika kompetenti f'Malta jew barra minn Malta li tkun qed tinvestiga xi att jew ommissjoni li jkun sar Malta u jkun jikkostitwixxi, jew jekk ikun sar barra minn Malta f'ċirkostanzi korrispondenti kien jikkostitwixxi –
> (a) xi wieħed mir-reati li għalihom hemm riferenza fl-artikolu22(2)(a)(i) tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi; jew
> (b) xi wieħed mir-reati li għalihom hemm riferenza fl-artikolu120A(2)(a)(i) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha; jew
> (ċ) xi reat ta' money laundering kif imfisser fl-Att kontra Money Laundering:
>
> Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tal-ewwel proviso ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal persuna li tkun membru tal-professjoni legali jew tal-professjoni medika.

13. L-art. 257 tal-Kodiċi Kriminali jrid jinqara fid-dawl tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali, Kap. 377. Hu dak l-Att li jistabilixxi, b'mod iktar preċiż, min hu marbut bis-sigriet u, forsi iktar importanti minn hekk, min jista' jawtorizza l-kxif ta' sigriet u liema awtoritajiet jistgħu jordnaw il-kxif ta' sigriet, u f'liema ċirkostanzi għandhom din is-setgħa.

14. Skont l-art. 6 tal-Att dwar is-Sigriet Professjonali, il-kxif jista' jiġi awtorizzat mill-persuna li tkun fdat it-tagħrif.

15. Skont l-art. 6B, il-kxif hu obbligatorju (b'eċċezzjonijiet)[2] meta meħtieġ (i) minn awtorità kompetenti biex tenforza liġi regolatorja jew li tkun qed tinvestiga reat jew ksur ta' dmir; (ii) mis-Servizz tas-Sigurtà; (iii) minn maġistrat għall-finijiet ta' proċedimenti *in genere*; u (iv) minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali fil-kors ta' prosekuzzjoni għal reat kriminali. Is-setgħa ta' qorti li tordna kxif hi ukoll regolata ukoll mill-art. 9 tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali, li jgħid hekk:

> Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 642(1) tal-Kodiċi Kriminal u tal-artikolu 588(1) tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Qorti tista' tawtorizza jewtoħroġ ordni għal kxif ta' tagħrif sigriet skont id-disposizzjonijietespressi ta' liġi, u biss għal finijiet speċifiċi li għalihom dik id-disposizzjoni tkun saret b'liġi, jew għall-iskop speċifiku ta'prevenzjoni, kxif jew detezzjoni tal-egħmil ta' atti li jammontawjew li x'aktarx jammontaw għal reat kriminali:
>
> Iżda fejn ma hemmx disposizzjoni espressa għar-rigward ta' professjoni, stat jew kariga partikolari, ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tiftiehem li qed tbiddel ir-regoli eżistenti tal-liġi għar-rigward tas-setgħa tal-qorti li teħles xhud quddiem qorti li jkun membru ta' dik il-professjoni, dak l-istat jew dik il-kariga mid-dmir tas-segretezza professjonali:
>
> Iżda wkoll fejn il-qorti tawtorizza jew tordna dak il-kxif, dik ix-xiehda għandha tinstema' *in camera* u tkun biss aċċessibbli għall-qorti u għall-partijiet:
>
> Iżda wkoll li xejn f'dan l-Att m'għandu jiftiehem li jolqot id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u ProċeduraĊivili għar-rigward ta' mandati ta' sekwestru.

[2] Is-sigriet professjonali tal-avukat, tal-prokuratur legali u tas-saċerdot hu, għall-finijiet preżenti, assolut.

16. Saret sottomissjoni fis-sens li l-ewwel *proviso* tal-art. 9 ifisser li fejn il-liġi ma fiha ebda dispożizzjoni espressa dwar professjoni, stat jew kariga partikolari, il-qorti għandha d-diskrezzjoni li teżenta xhud mis-sigriet professjonali, jekk jidhrilha li l-ġustizzja hekk titlob.

17. Il-qorti ma taqbilx. Fl-ewwel lok, il-*proviso* ma jagħti ebda diskrezzjoni lill-qorti. Fih biss regola regola ta' interpretazzjoni. Jirreferi, f'każ ta' professjoni, stat jew kariga li fir-rigward tagħha ma hemm ebda diżpozizzjoni espressa tal-liġi, "[għa]r-regoli eżistenti tal-liġi għar-rigward tas-setgħa tal-qorti" li teżenta xhud mis-sigriet; u, fl-aspett tassattiv tagħha, tgħid li xejn fl-art. 9 ma għandu jinftiehem li jibdel tali regoli.

18. Il-*proviso* jassumi l-eżistenza ta' regoli li jagħtu lill-qorti s-setgħa ta' eżenzjoni. Regoli li, wieħed jassumi, huma ta' applikazzjoni ġenerali; jew, fi kliem ieħor, li japplikaw fejn ma hemmx regoli speċifiċi għal professjoni, stat jew kariga partikolari.

19. Tali regoli ma jidhirx li jeżistu.

20. Il-liġi applikabbli b'mod ġenerali f'dan ir-rigward tinstab, sa fejn setgħet tikkostata l-qorti, fl-art. 257 tal-Kodiċi Kriminali, fl-Att dwar is-Segretezza Professjonali u fil-Kodiċi ta' Proċedura u Organiżżazzjoni Ċivili.

21. Kif rajna, l-art. 257 jgħid, in effett, li l-kxif ta' sigriet mhuwiex reat meta jkun sar b'mod obbligatorju skont liġi li tobbligah jgħarraf lil awtorità pubblika. L-artikolu ma jagħmel ebda rifernza għal kxif skont eżenzjoni.

22. L-Att dwar is-Segretezza Professjonali jgħid, kif rajna, li hi l-persuna li tkun fdat is-sigriet li tista' tawtorizża li jinkixef; u li hi qorti ta' ġudikatura kriminali li tista' tordna l-kxif ta' sigriet; u mhux li teżenta lil xhud minnu. Li ssir riferenza lura għall-*proviso* tal-art. 9 hu, naturalment, argument ċirkolari.

23. Il-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili mkien ma jagħti s-setgħa lill-qorti biex teżenta lil xhud mis-sigriet. Minflok tagħtiha s-setgħa li tordna l-kxif ta' sigriet, imma biss fil-każijiet li għalihom hemm riferenza fl-art. 588. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> (1) L-avukat u l-prokuratur legali ma jistgħux, mingħajr il-kunsens tal-klijent, u s-saċerdot mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun għamlet il-qrara, jiġu mistoqsija fuq ħwejjeġ li jkunu ġew jafu, l-avukat jew il-prokuratur legali billi jkunu ġew fdati lilhom mil-klijent għall-finijiet tal-kawża, u s-saċerdot billi jkun ġie jafhom taħt is-sigriet tal-qrar jew bħala qrar.
>
> (2) Ħlief bl-ordni tal-qorti, ebda *accountant*, tabib jew ħaddiem soċjali, psikologu jew *marriage counsellor* ma jista' jiġi mistoqsi fuq ħwejjeġ li jkun sar jaf mill-klijent tiegħu taħt sigriet professjonali jew li seta' sar jaf bihom fil-kapaċità professjonali tiegħu.
>
> (3) Dan il-privileġġ igħodd ukoll għall-interpretu li jkun ġie mqabbad sabiex jistgħu jsiru dawk il-ħwejjeġ sigrieti.

24. Għalhekk, il-qorti ma tarax li, f'każijiet fejn ma hemmx diżpozizzjoni speċifika fir-rigward ta' professjoni, stat jew kariga, hemm lok – almenu kif inhi l-liġi llum - biex jitħaddem l-ewwel *proviso* għall-art. 9 tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali.

25. Ngħaddu biex naraw jekk teżistix regola speċifika fil-kamp bankarju. Sa fejn hu rilevanti, l-art. 34(2)(ċ) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 371 jgħid hekk:

> (2) Ebda persuna, inklużi uffiċjali jew aġenti tal-imgħoddi jew tal-preżent ta' bank, *holding company* finanzjarja jew *holding company* finanzjarja mħallta, ma għandha tiżvela ebda informazzjoni dwar l-affarijiet ta' bank jew ta' klijent ta' bank, jew li jkollhom x'jaqsmu mal-affarijiet ta' *holding company* finanzjarja jew ta' *holding company* finanzjarja mħallta, li hija tkun kisbet fil-qadi tad-dmirijiet tagħha jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew kwalunkwe regolamenti magħmula jew Regoli Bankarji jew Regoli tal-Kondotta tal-Operat maħruġa taħtu ħlief
>
> - *Omissis* -
>
> (ċ) meta tkun legalment meħtieġa tagħmel hekk minn xi qorti jew tribunal jew taħt xi dispożizzjoni ta' xi liġi;
>
> - *Omissis* -

26. Fis-sentenza fil-kawża *Bugeja v Farrugia noe*[3] ngħad, in effett, li dan il-privileġġ mhux kienx assolut: "jsofri mill-limitazzjonijiet imsemmija f'dak l-artikolu, fosthom dak li hu soġġett għall-ordnijiet leġittimi li tista' tagħti l-Qorti fil-kors ta' kawża u fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha dwar ammissibilità o meno ta' xhieda". Din is-silta ma tgħinx fl-analiżi ta' x'jagħmel ordni ta' kxif waħda leġittima (kwistjoni separata mid-diskrezzjoni tal-qorti dwar l-ammissibilità tal-provi).

27. L-artikolu l-art. 34(2)(ċ), bħall-art. 29(2) tal-Att ta' l-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju, ma jiktellimx dwar setgħa tal-qorti li tagħti eżenzjoni mis-sigriet. L-artikolu jitkellem biss dwar kif u meta persuna marbuta b'sigriet ma titqiesx li tkun kisret il-liġi. L-artikolu ma jgħidx kif u meta qorti tista' tagħti ordni ta' tikxif; wisq anqas li qorti tista' tagħti eżenzjoni mis-sigriet. Dan tħalla għal liġi oħra li tittratta proprju tali setgħa. Għal dan, irridu nduru għall-Att dwar is-Segretezza Professjonali li, kif rajna, jgħid, fl-art. 6B(ċ), li hi qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali tista' tagħmel ordni ta' kxif, u dan fil-kuntest ta' prosekuzzjoni għal reat kriminali. Irridu nagħmlu riferenza ukoll għall-art. 588 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili biex naraw jekk qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tistax tordna l-kxif ta' sigriet. Iżda, ukoll kif rajna, dak il-Kodiċi jagħti s-setgħa lill-qorti li tobbliga l-kxif fir-rigward ta' numru limitat ta' kategoriji ta' persuni fdati b'sigriet. Dawn ma jinkludux banek.

28. Dan ifisser li qorti, għajr għas-setgħa imsemmija fl-art. 6B(ċ) tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali, u li titħaddem biss fiċ-ċirkostanzi hemm imfissra, m'għandhiex is-setgħa li toħroġ ordni ta' kxif indirizzata lil bank; wisq anqas għandha s-setgħa li teżenta xhud mis-sigriet.[4]

29. Il-qorti għalhekk issib li m'għandhiex is-setgħa li teżenta bank mis-sigrieti fdati lilu, għaliex il-liġi speċjali li tirregola s-sigriet bankarju ma tagħtihiex dik is-setgħa. Lanqas ma għandha s-setgħa li teżenta ebda istituzzjoni finanzjarji oħra mis-sigriet, għaliex lanqas il-liġi ġenerali ma tagħti din is-setgħa.

---

[3] 15 ta' April 1991. Dak iż-żmien il-liġi applikabbli kien l-Att ta' l-1970 dwar il-Kummerċ Bankarju, li kien sar Kap. 215, illum imħassar. Id-dispożizzjoni dwar is-sigriet f'dik il-liġi kienet tinstab fl-art. 29(2) u kienet, fil-verżjoni effettiva, u għall-finijiet tagħha, identika għall-art. 34(2)(ċ) tal-Kap. 371.

[4] Għandu jkun ċar li s-setgħa li jiġi ordnat kxif u s-setgħa li tingħata eżenzjoni ma humiex l-istess

30. Din mhix konklużjoni għal kollox feliċi, għaliex tfisser li l-ewwel *proviso* għall-art. 9 tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali ma għandux effett, almenu kif inhi l-liġi llum. Wieħed għandu dejjem jippreżumi li liġi hi intiża li tkun effettiva u, għalhekk, trid tingħata interptretazzjoni li tiffavorixxi l-effikaċja tagħha.[5] Imma tibqa' preżunzjoni; u jibqa' li l-liġijiet, bħal kollox, mhix dejjem jilħqu l-għanijiet tagħhom. Xi kultant, minkejja kull sforz raġonevoli, jkun hemm liġi li ma tistax tingħata effett, minkejja dak li forsi jista' jistqies skop evidenti mill-kuntest. Wieħed jista' jispekula, mill-kuntest, li meta tfassal il-*proviso* il-ħsieb kien li r-regola prinċipali fl-art. 9 kienet stretta wisq u, allura, kien hemm bżonn element ta' flessibilità, forsi anki ta' diskrezzjoni. Imma jekk dan kien il-ħsieb, ma ġiex artikolat. Anzi, dak li ġie artikolat – u hu b'dan li hi marbuta l-qorti – jgħid mod ieħor. Kif rajna, il-*proviso* fih regola ta' interpretazzjoni dwar regoli li, milli jidher, ma jeżiztux. Dan biex jingħadx ukoll li jekk il-ħsieb (artikolat ħażin) kien li tidħol diskrezzjoni wiesa', dan kien jġib fix-xejn ir-regoli dettaljati dwar meta u kif tista' ssir ordni ta' kxif. Hu għalhekk ukoll li l-qorti ma tistax taqbel mar-*ratio*, f'dan ir-rigward, f'*Bugeja v Farrugia noe.*

31. Imma din il-konklużjoni ma jagħlaqx il-kwistjoni. Jibqa' li jiġi deċiż jekk il-pożizzjoni li jieħdu l-Bank of Valletta plc u Lombard Bank Malta plc fir-rigward ta' informazzjoni dwar persuna mejta li tmur lura għal qabel il-mewt tiegħu hix korretta; jew, fi kliem ieħor, jekk dik l-informazzjoni hix koperta bis-sigriet.

32. X'inhu sigriet professjonali mhux definit fil-Kodiċi Kriminali. Imma nsibu definizzjoni fl-art. 2(3) tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali, li qiegħda tiġi riprodotta hawn:

> "Sigriet professjonali" jew "sigriet" f'dan l-Att jirreferi għal tagħrif li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji li ġejjin:
>
> (a) tagħrif li għandu jiġi meqjus sigriet taħt xi disposizzjoni speċifika ta' xi liġi;
>
> (b) tagħrif li jkun deskritt bħala sigriet mill-persuna li tkun qed tgħaddi dak it-tagħrif lil persuna li tidħol fl-ambitu tal-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminal jew

[5] Ir-regola ta' interpretazzjoni fl-art. 1004 fil-Kodiċi Ċivili hi applikazzjoni partikolari ta' din il-preżunzjoni, fil-kuntest ta' kuntratti.

(c) tagħrif li għandu raġonevolment jiġi meqjus bħala sigriet minħabba –

(i) iċ-ċirkostanzi li fihom dak it-tagħrif ikun mgħoddi jew ġie irċevut; u

(ii) in-natura ta' dak it-tagħrif; u

(iii) l-istat, il-professjoni jew kariga tal-persuna li tirċievi t-tagħrif, u tal-persuna li tagħti t-tagħrif, fejn hu l-każ.

33. Fil-każ ta' bank japplika l-art. 34(2) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju li, kif rajna, jgħid li l-affarijiet (*affairs*) ta' klijent ma jistgħux jiġi żvelati. Dan ifisser li japplika l-para. (a) tad-definizzjoni. Jista' jkun applikabbli ukoll il-para. (ċ) u, f'xi każi, anki l-para. (b). Fil-każ ta' istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek jistgħu japplikaw l-para. (ċ) u, ukoll f'xi każi, il-para. (b).

34. Issa meta l-art. 34(2) jipprojbixxi l-kxif ta' informazzjoni dwar l-affarijiet ta' klijent, din il-projbizzjoni tinkludi l-kxif ta' dik l-istess informazzjoni, jew parti minnha, lill-eredi ta' klijent? Dawk il-banek li spjegaw il-pożizzjoni tagħhom lill-qorti jaċċettaw li l-affarijiet ta' klijent ma jinkludux, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-eżistenza u l-konsistenza tal-assi tal-klijent mejjet, fil-mument tal-mewt: din l-informazzjoni tiġi żvelata mingħajr problemi, u l-qorti tifhem li dan isir għaliex il-banek ma jifhmux li l-informazzjoni hi sigrieta. Imma jgħidu li dak li għamel il-klijent qabel ma miet jibqa' kopert bis-sigriet anki wara l-mewt. Dan għaliex, fil-fehma tal-banek, jista' jkun li l-klijent ikun għamel affarijiet bl-assi tiegħu li ma xtaqx li l-eredi tiegħu jsiru jafu bihom.

35. It-qorti tista' tifhem il-pożizzjoni tal-Bank of Valletta plc u tal-Lombard Bank Malta plc. Iżda mal-mewt, jew almenu malli l-eredità tiġi aċċettata, l-eredi, bħala suċċessur, isir l-klijent tal-bank; u għalkemm il-bank għandu obbligi reżidwali favur il-mejjet, dawn ma jistgħux, ħlief forsi f'ċirkostanzi partikolari, jipprevalu fuq l-obbligi tal-istess bank favur l-eredi. L-eredi, wara kollox, jidħol fiż-żarbun partrimonjali tal-mejjet, kemm fir-rigward tal-attiv u kif ukoll fir-rigward tal-passiv; u l-eredi jrid jonora mhux biss l-obbligi tal-mejjet, imma ukoll dawk li huma obbligi tiegħu, partikolarment li jħallas il-legati u li jagħmel tajjeb għall-ishma riżervati. Biex ikun f'pożizzjoni li jagħmel hekk, l-eredi għandu bżonn aċċess sħiħ għall-informazzjoni dwar it-trasnazzjonijiet li daħal fihom il-mejjet u l-qorti ma tarax li l-bank jista' jżomm din l-informazzjoni mistura minnu fuq il-presuppost li, forsi, il-mejjet ma riedx li l-eredi jkun jaf b'dak li għamel bl-assi tiegħu tul ħajtu. Is-sitwazzjoni tkun, forsi, differenti, jekk il-mejjet ikun ta' struzzjonijiet dwar segretezza lill-bank fis-sens maħsub fl-art. 2(3)(b) tal-Att dwar is-Segretezza

Professjonali, f'liema każ jista' jkun li l-eredi jkollu jagħmel għażla. Imma ma hemm ebda indikazzjoni ta' hekk f'dan il-każ u allura l-qorti mhix mitluba li tiddeċiedi dwar dan il-punt. Il-każ li għandha quddiemha l-qorti jidher li hu dak komuni li fih il-mejjet ma jkunx għamel diżpozizzjonijiet speċjali dwar sigrieti li ried li jinżammu mistura anki mill-eredi tiegħu. F'tali ċirkostanzi, il-qorti tqis li sakemm bank ma jistax jipprova li hemm ċirkostanzi speċjali li jipprekludu l-kxif ta' informazzjoni partikolari, allura l-informazzjoni miżmuma minnhom ma tistax tinżamm mill-eredi għaliex mhix, fil-konfront tagħhom, koperta bis-sigriet.

Għal din ir-raġuni l-qorti ssib li l-banek u lill-istituzzjonijiet imsemmija f'para. 6 li jista' jkollhom informazzjoni rilevanti, għandhom jagħtu aċċess lill-eredi għal dik l-informazzjoni, kollha kemm hi, kollha dwar Giuseppe Darmanin (K.I. 0026337M), li miet fit-8 ta' Lulju 2016, lill-eredi tiegħu Margherita Darmanin (K.I. 70639M) jew lil prokuratur tagħha, sakemm ma jistgħux juru li hemm ċirkostanzi speċjali li jipprekludu l-kxif ta' informazzjoni partikolari, f'liema każ għandhom jressqu rikors biex jitolbu direzzjoni.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Dep. Reġistratur